



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 85/22

il-Lussemburgu, 17 ta' Mejju 2022

Sentenza fil-Kawża C-600/19 Ibercaja banco,
fil-Kawża magħquda C-693/19 SPV Project 1503, C-831/19 Banco di Desio e
della Brianza et,
kif ukoll fil-Kawża C-725/19 Impuls Leasing România u C-869/19 Unicaja
Banco

Stampa u Informazzjoni

Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi: il-prinċipji proċedurali nazzjonali ma jistgħux ikunu ta' ostaklu għad-drittijiet li l-partijiet fil-kawża jisiltu mid-dritt tal-Unjoni

Il-prinċipju ta' effettività jeħtieġ sħarriġ effikaċi tan-natura potenzjalment inġusta tal-klawżoli

Permezz tas-sentenzi tagħha ta' din il-ġurnata, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tagħti deċiżjoni dwar diversi talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-qrati Spanjoli, Taljani u Rumeni, li jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13/KEE ¹ dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur.

Il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha domanda dwar jekk il-prinċipji proċedurali nazzjonali, bħal dawk tal-awtorità ta' *res judicata*, jistgħux jillimitaw is-setgħat tal-qrati nazzjonali, b'mod partikolari tal-eżekuzzjoni, sabiex tiġi evalwata n-natura eventwalment inġusta tal-klawżoli kuntrattwali. Prinċipji tad-dritt proċedurali intern li ma jippermettux din l-evalwazzjoni fil-livell tal-eżekuzzjoni, inkluż sħarriġ *ex officio* mill-qorti tal-eżekuzzjoni, minħabba l-eżistenza ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji nazzjonali preċedenti, huma kompatibbli mad-Direttiva 93/13?

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar f'dan ir-rigward l-importanza mogħtija, kemm fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni kif ukoll fl-ordinament ġuridiku nazzjonali, **lill-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata***. Fil-fatt, sabiex tiżgura kemm l-istabbiltà tad-dritt u tar-relazzjonijiet ġuridiċi kif ukoll tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, huwa neċessarju li d-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jkunu saru finali wara li jiġu eżawriti r-rimedji ġudizzjarji disponibbli jew wara l-iskadenza tat-termini previsti għall-eżerċizzju ta' dawn ir-rimedji ma jkunux jistgħu jiġu iktar ikkontestati ².

Madankollu, qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li s-sistema ta' protezzjoni implimentata mid-Direttiva 93/13 hija bbażata fuq l-idea li l-konsumatur jinsab f'sitwazzjoni ta' inferjorità fil-konfront tal-bejjieġh jew tal-fornitur kemm fir-rigward tas-setgħa ta' negozjar kif ukoll fir-rigward tal-livell ta' informazzjoni ³. Fir-rigward ta' din is-sitwazzjoni ta' inferjorità, id-Direttiva 93/13 tipprevedi li l-klawżoli inġusti ma jorbtux lill-konsumaturi. Din hija dispożizzjoni obbligatorja li hija intiża li tissostitwixxi l-bilanċ formali tal-kuntratt b'bilanċ reali ⁴.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika li l-qorti nazzjonali għandha tevalwa *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 ⁵ u li l-Istat Membri huma obbligati li jipprovdu mezzi adegwati u effettivi biex itemmu l-użu ta' klawżoli inġusti ⁶.

Bħala prinċipju, id-dritt tal-Unjoni ma jarmonizzax il-proċeduri applikabbli għall-eżami tan-natura allegatament inġusta ta' klawżola kuntrattwali, u dawn jaqgħu, għaldaqstant, taħt l-ordinament

¹ Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

² Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2009, Asturcom Telecomunicaciones, [C-40/08](#).

³ Sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Banco Primus, [C-421/14](#).

⁴ Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Gutiérrez Naranjo et, [C-154/15](#), [C-307/15](#) u [C-308/15](#) (ara [SS Nru 144/2016](#)).

⁵ Sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz, [C-415/11](#) (ara [SS Nru 30/2013](#)).

⁶ Sentenza tas-26 ta' Ġunju 2019, Addiko Bank, [C-407/18](#).

ġuridiku intern tal-Istati Membri. Id-dispożizzjonijiet proċedurali nazzjonali għandhom jissodisfaw il-**prinċipju ta' effettività**, jiġifieri jissodisfaw rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva ⁷. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li fl-assenza ta' s'tħarriġ effettiv tan-natura potenzjalment inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt ikkonċernat, ir-rispett tad-drittijiet mogħtija mid-Direttiva 93/13 ma jistax jiġi ggarantit ⁸.

Huwa abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja qegħda tagħti l-erba' sentenzi tal-lum.

Kawża C-869/19, Unicaja Banco

It-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn L u Banco de Caja España de Inversiones, Salamanca y Soria SAU, li fid-drittijiet tagħha ssuċċediet Unicaja Banco SA dwar l-assenza ta' eżami *ex officio* mill-qorti nazzjonali ta' appell ta' motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni. L-istabbiliment bankarju ta' lil L self ipotekarju. Dan il-kuntratt kien jipprevedi "klawżola bażi" li permezz tagħha r-rata varjabbli ma setgħetx tkun ta' inqas minn 3 %. L-ippreżenta rikors kontra dan l-istabbiliment, sabiex jikseb in-nullità ta' din il-klawżola u l-ħlas lura tas-somom indebitament imħallsa, fejn sostna li din il-klawżola kellha tiġi ddikjarata inġusta minħabba n-nuqqas ta' trasparenza tagħha. Il-qorti tal-ewwel istanza laqgħet ir-rikors, filwaqt li l-limitat *ratione temporis* l-effetti restitutorji b'applikazzjoni ta' ġurisprudenza nazzjonali. Il-qorti tal-appell, adita mill-istabbiliment bankarju, ma ordnatx il-ħlas lura totali tas-somom irċevuti abbażi tal-"klawżola bażi", peress li L ma kienx appella s-sentenza mogħtija fl-ewwel istanza. Skont id-dritt Spanjol, meta parti mid-dispożittiv ta' sentenza ma tiġi kkontestata minn ebda waħda mill-partijiet, il-qorti tal-appell ma tistax tneħħilha l-effetti tagħha jew temendaha. Din ir-regola tippreżenta xi similitudnijiet mal-awtorità ta' *res judicata*. **Il-Qorti Suprema Spanjola** għalhekk staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward taċ-ċirkustanza li fiha l-qorti nazzjonali, adita b'appell minn sentenza li tillimita *ratione temporis* il-ħlas lura tas-somom indebitament imħallsa mill-konsumatur bis-saħħa ta' klawżola ddikjarata inġusta, ma tkunx tista' tqajjem *ex officio* motiv ibbażat fuq il-ksur tad-Direttiva 93/13 u tordna l-ħlas lura totali tal-imsemmija somom.

Billi tfakkar il-ġurisprudenza tagħha, **il-Qorti tal-Ġustizzja tafferma mill-ġdid li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi ġurisprudenza nazzjonali li tillimita *ratione temporis* l-effetti restitutorji biss għas-somom imħallsa indebitament b'applikazzjoni ta' klawżola inġusta wara li l-għoti tad-deċiżjoni ġudizzjarja tkun ikkonstatat din in-natura inġusta** ⁹.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis ukoll li l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' proċedura ġudizzjarja nazzjonali inkwistjoni hija tali li tirrendi impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet, u b'hekk tippreġudika l-prinċipju ta' effettività. Fil-fatt, **id-dritt tal-Unjoni jipprekludi l-applikazzjoni ta' prinċipji ta' proċedura ġudizzjarja nazzjonali, li permezz tagħhom qorti nazzjonali, adita b'appell minn sentenza li tillimita *ratione temporis* il-ħlas lura tas-somom indebitament imħallsa mill-konsumatur bis-saħħa ta' klawżola ddikjarata inġusta, ma tkunx tista' tqajjem *ex officio* motiv ibbażat fuq il-ksur ta' din id-dispożizzjoni u tordna l-ħlas lura totali tal-imsemmija somom**, meta l-assenza ta' kontestazzjoni ta' din il-limitazzjoni *ratione temporis* mill-konsumatur ikkonċernat ma tkunx tista' tiġi imputata lill-passività totali tiegħu.

Kawża C-600/19, Ibercaja banco.

It-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn MA u Ibercaja Banco SA dwar **talba għall-ħlas tal-interessi dovuti lill-istabbiliment bankarju minħabba n-nuqqas ta' infurzar** minn MA u PO **tal-kuntratt ta' self ipotekarju** konkluż bejn dawn il-partijiet. Il-qorti kompetenti ddeċidiet favur l-infurzar tat-titolu ipotekarju miżmum minn Ibercaja Banco u awtorizzat l-infurzar kontra l-konsumaturi. Huwa biss matul l-proċedura ta' infurzar, preċiżament wara bejgħ bl-irkant tal-proprietà ipotekata, li MA invokat in-natura inġusta tal-klawżola dwar l-interessi moratorji u tal-klawżola bażi, jiġifieri meta l-effett tar-*res judicata* u tad-dekadenza ma kinux jippermettu la lill-qorti

⁷ Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021, BNP Paribas Personal Finance, [C-776/19 sa C-782/19](#) (ara [SS Nru 100/21](#)).

⁸ Sentenza tal-4 ta' Ġunju 2020, Kancelaria Medius, [C-495/19](#).

⁹ Sentenza Gutiérrez Naranjo et, [C-154/15](#), [C-307/15](#) u [C-308/15](#), iċċitata iktar 'il fuq

teżamina *ex officio* n-natura inġusta tal-klawżoli u lanqas lill-konsumatur jinvoka n-natura inġusta tal-imsemmija klawżoli. Il-kuntratt kien diġà ġie suġġett għal eżami *ex officio* fil-mument tal-ftuħ tal-proċedura ta' infurzar ta' ipoteka mingħajr ma, madankollu, l-eżami tal-klawżoli inkwistjoni ma ssemma b'mod espliċitu u lanqas ma ġie inkluż xi motiv.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, **id-dritt tal-Unjoni jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, minħabba l-effett tal-awtorità ta' *res judicata* u tad-dekadenza, la tippermetti lill-qorti teżamina *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali fil-kuntest ta' proċedura ta' infurzar ta' ipoteka, u lanqas ma tippermetti lill-konsumatur, wara l-iskadenza tat-terminu sabiex titressaq oppożizzjoni, jinvoka n-natura inġusta ta' dawn il-klawżoli f'din il-proċedura jew fi proċedura dikjaratorja sussegwenti, meta l-imsemmija klawżoli jkunu diġà ġew suġġetti għal eżami *ex officio* mill-qorti tan-natura eventwalment inġusta tagħhom, iżda li d-deċiżjoni ġudizzjarja li tawtorizza l-proċedura ta' infurzar ta' ipoteka ma tkun tinkludi l-ebda motiv, lanqas fil-qosor, li juri l-eżistenza ta' dan l-eżami, u lanqas ma tindika li l-evalwazzjoni minn din il-qorti fit-tmien tal-imsemmi eżami ma tistax tiġi iktar ikkontestata fl-assenza ta' oppożizzjoni mressqa fl-imsemmi terminu.**

Madankollu, **meta l-proċedura ta' infurzar ta' ipoteka tkun intemmet u d-drittijiet ta' proprjetà jkunu ġew ittrasferiti lil terz, il-qorti ma tistax iktar twettaq eżami tan-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali li jwassal għall-annullament tal-atti li jittrasferixxu l-proprjetà u jikkontesta ċ-ċertezza legali tat-trasferiment ta' proprjetà diġà mwettaq lejn terz. Madankollu, f'tali sitwazzjoni, il-konsumatur għandu jkun f'pożizzjoni li jinvoka, fi proċedura sussegwenti distinta, n-natura inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt ta' self ipotekarju sabiex ikun jista' jeżerċita b'mod effettiv u sħiħ id-drittijiet tiegħu taħt id-direttiva, sabiex jikseb kumpens għad-dannu finanzjarju kkawżat mill-applikazzjoni ta' dawn il-klawżoli.**

Kawżi magħquda C-693/19, SPV Project 1503, u C-831/19, Banco di Desio e della Brianza et

It-talbiet tressqu fil-kuntest ta' tilwimiet bejn, minn naħa, SPV Project 1503 Srl ma' Dobank SpA bħala mandatarju ta' Unicredit SpA u YB u, min-naħa l-oħra, Banco di Desio e della Brianza SpA u istituzzjonijiet ta' kreditu oħrajn ma' YX u ZW, dwar **proċeduri ta' eżekuzzjoni forzata bbażati fuq titoli eżekuttivi li kienu kisbu l-awtorità ta' *res judicata*.** Il-qrati Taljani ta' eżekuzzjoni jistaqsu fuq in-natura inġusta ta' klawżola penali u dik li tipprovdi għall-interess moratorju tal-kuntratti ta' self, kif ukoll fuq in-natura inġusta ta' ċerti klawżoli ta' kuntratti ta' garanzija. Huwa abbażi ta' dawn il-kuntratti li l-kredituri kisbu ordnijiet għal ħlas li saru definittivi. Madankollu, il-qrati rrilevaw li, skont il-prinċipji tad-dritt proċedurali nazzjonali, fl-assenza ta' oppożizzjoni mill-konsumatur, l-awtorità ta' *res judicata* ta' ordni ta' ħlas tkopri n-natura mhux inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt ta' garanzija, u dan anki fl-assenza ta' kwalunkwe eżami espliċitu, mill-qorti li tkun tat din l-ordni, tan-natura inġusta ta' dawn il-klawżoli.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li tali leġiżlazzjoni nazzjonali **tista' xxejjen mis-sustanza tiegħu l-obbligu li għandha l-qorti nazzjonali li twettaq eżami *ex officio* tan-natura eventwalment inġusta tal-klawżoli kuntrattwali.** Ir-rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jirrikjedi li l-qorti ta' eżekuzzjoni tkun tista' tevalwa, inkluż għall-ewwel darba, in-natura eventwalment inġusta tal-klawżoli kuntrattwali li jkunu servew bħala bażi għal ordni ta' ħlas mogħtija minn qorti fuq talba ta' kreditur u li kontriha d-debitur ma jkunx ressaq oppożizzjoni.

Kawża C-725/19, Impuls Leasing România

It-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn IO u Impuls Leasing România IFN SA, dwar oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni kontra atti ta' eżekuzzjoni forzata intiżi għal kuntratt ta' leasing. Il-qorti Rumena kienet indikat li l-kuntratt ta' leasing, li abbażi tiegħu nbdew il-proċeduri ta' eżekuzzjoni forzata, kien fih ċerti klawżoli li setgħu jitqiesu li kienu inġusti.

Madankollu, il-leġiżlazzjoni Rumena ma tippermettix lill-qorti ta' eżekuzzjoni ta' pretensjoni, adita b'oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' leasing konkluż bejn konsumatur u bejjiegħ jew fornitur li jikkostitwixxi titolu eżekuttiv, tevalwa, *ex officio* jew fuq talba tal-konsumatur, in-natura inġusta tal-klawżoli ta' dan il-kuntratt minħabba li jkun jeżisti rikors tad-dritt ordinarju li matulu n-

natura inġusta tal-klawżoli ta' tali kuntratt tista' tiġi mistħarrġa mill-qorti adita b'dan ir-rikors. Ċertament, meta jitressaq quddiemha rikors separat minn dak li jirrigwarda l-proċedura ta' eżekuzzjoni, il-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu tista' tissospendi l-imsemmija proċedura. Madankollu, il-konsumatur li jitlob is-sospensjoni tal-proċedura ta' eżekuzzjoni huwa obbligat iħallas garanzija, ikkalkolata abbażi tal-valur tas-suġġett tar-rikors.

Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa probabbli li debitur fin-nuqqas ta' fhas ma jkollux ir-riżorsi finanzjarji neċessarji sabiex jikkostitwixxi l-garanzija meħtieġa. Barra minn hekk, dawn l-ispejjeż ma jistgħux jiskoraġġixxu lill-konsumatur milli jitlob lill-qorti tistħarreġ in-natura potenzjalment inġusta ta' klawżoli, li jidher li huwa iktar u iktar il-każ meta l-valur tas-suġġett tar-rikors ippreżentat jaqbeż sew il-valur totali tal-kuntratt.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis allura li d-dritt tal-Unjoni ma jippermettix tali leġiżlazzjoni nazzjonali.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-testi sħaħ u s-sommarji tas-sentenza jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw is-sentenzi

([C-600/19](#), [C-693/19 u C-831/19](#), [C-725/19](#), [C-869/19](#))

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" □ ☎ (+32) 2 2964106